**2 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Joseph Lebrun

## Esperti *ex parte*

*F'din is-sentenza l-Qorti osservat li galadarba d-difiża, kienet fl-istadju opportun, oġġezzjonat għan-nomina ta' esperti li kienu jiffurmaw parti mill-korp tal-pulizija (u li r-rapporti tagħhom kienu jikkontjenu opinjoni esperta u komparattiva), ir-rapporti tagħhom huma inammissibbli, u b'hekk ordnat l-isfilz ta' dawn id-dokumenti.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tal-11 ta' Diċembru, 1996;

*Omissis*;

L-akkużat appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors ippreżentat fit-12 ta' Diċembru, 1996 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata fejn din irriġettat l-

ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjoni u konsegwentement takkolji l-istess eċċezzjonijiet tiegħu filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija tagħha;

Attwalment għandu jiġi rrilevat mill-ewwel illi mhux l-aggravji kollha li ġew indikati fir-rikors ta' l-appell ser jiġu kkonsidrati u dana peress illi wieħed minnhom, ċjoè it-tieni aggravju ġie rtirat. Fil-fatt, hemm biss żewġ aggravji illi għad iridu jiġu kkonsidrati li huma s-segwenti:

Fl-ewwel lok l-appellant jissottometti illi huwa jħoss illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiċħadlu l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, riferibbli għat-talba tiegħu biex jiġu sfilzati mill-atti dokumenti AAM a fol. 67 tal-proċess, konsistenti f'rapport ippreżentat u maħluf fis-7 ta' April, 1989 u r-rapport a fol. 242 tal-proċess ippreżentat u maħluf fl-20 ta' Novembru, 1989. Huwa jissottometti fir-rigward illi l-Qorti qalet żewġ affarijiet u ċjoè: (a) illi d-difiża mill-bidunett, ossia fit-3 ta' Mejju, 1989 insistiet fuq in-nomina ta' periti ulterjuri, ma kinitx qiegħda toġġezzjona, imma kienet qiegħda taċċetta r-rapport peritali; (b) Illi d-difiża ma reġgħetx imbagħad sabet oġġezzjonijiet ulterjuri. L-appellant jissottometti invece illi minn eżami akkurat tal-proċess jirriżulta kompletament l-oppost. In sostenn ta' din is-sottomissjoni huwa jaddući dawn l-argumenti;

Meta fit-3 ta' Mejju, 1989, id-difiża sostniet li kellhom jiġu nnominati esperti ulterjuri u estranei, dan għamlitu, naturalment, peress li ma kinitx qed taċċetta r-rapport u mhux *vice versa*. Fil-fatt id-difiża talbet in-nomina ta' periti barranin peress li kien ben not li ma kienx hemm esperti Maltin fuq il-materja. Skond hu, oġġezzjoni aktar ċara minn din wieħed ma jistax jimmaġina. Inoltre mbagħad mhux korretta l-Ewwel Onorabbli Qorti, li d-difiża ma komplietx toġġezzjona matul il-proċess. Infatti, meta talbet l-isfilz fis-seduti tat-3 ta' April,

1991 u fid-29 ta' Awissu, 1991, fost drabi oħra, kienet naturalment qed titlob l-isfilz, peress li kienet qed toġġezzjona għall-istess rapport. Dawn l-oġġezzjonijiet saru kollha waqt il-kumpilazzjoni u għalhekk il-ġurisprudenza ċċitata mill-Ewwel Onorabbli Qorti u partikolarment dik in re **Joseph Abela** *vs* **L-Onorevoli Prim Ministru**, me kellhiex rilevanza;

F'dan ir-rigward din il-Qorti qed tirrileva illi ma taqbilx mal-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti, in kwantu rraġunat illi t-talba ta' l-akkużat fil-kors ta' l-istruttorja tan-nomina ta' esperti u esperti barranin, ma kinitx tammonta għal opposizzjoni għal rapport diġa' ppreżentat minn Dr. Abela Medici. Fil-fatt huwa evidenti illi d-difiża ma kienet kuntenta b'xejn bir-rapport ta' Dr. Abela Medici, u kienet qed titlob in-nomina ta' espert jew esperti barranin proprju għax ma kinitx taqbel miegħu, apparti konsiderazzjonijiet oħra. Anqas ma taqbel din il-Qorti ma' l-osservazzjoni li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, illi wara l-verbal imsemmi, l-akkużat ma għamel l-ebda osservazzjonijiet oħra dwar in-nomina ta' esperti, qabel ma ssolleva l-eċċezzjoni quddiemha. Dana mhux korrett għaliex minn eżami ta' l-atti proċesswali riferibbli għall-fażi ta' l-istruttorja ċjoè tal-kumpilazzjoni hemm okkażjonijiet fejn l-akkużat ripetutament kien qiegħed jirribibaxxi l-opposizzjoni tiegħu għar-rapport ta' Dr. Abela Medici, u t-talba għall-isfilz ta' l-istess;

Għalhekk, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Ewwel Onorabbli Qorti meta din ikkonkludiet li tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-appellant peress li dan ħalla l-kumpilazzjoni tagħlaq u ressaq l-ilment relattiv tiegħu biss fin-nota msemmija u dana meta kellu l-opportunità li jopponi ruħu appena l-esperti ġew ikkonfermati fil-kumpilazzjoni. L-eċċezzjoni relattiva għalhekk ser tiġi akkolta peress illi fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza reċenti però ormai kostanti, ta' din l-Onorabbli Qorti, ir-relazzjoni ta' Dr. Abela Medici ma tistax tkun ammissibbli konsiderando illi fiż-żmien relattiv hu kien jiddependi mill-Kummissarju tal-

Pulizija;

L-istess jinghad fir-rigward tat-tlett esperti l-oħra li għalihom hemm referenza fis-sentenza appellata, u dana billi mhux korretta l-affermazzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti illi l-akkużat kien passiv fil-kors tal-kumpilazzjoni; anzi jirriżulta ampjament mill-provi li ma kienx u li ripetutament oġġezzjona għar-rapport relattiv;

L-uniku aggravju ieħor li fadal jiġi kkunsidrat jirrigwarda d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti illi tiċħad it-tielet eċċezzjoni ta' l-akkużat, u preċiżament fejn qalet li jispetta lill-ġurija tara għandhiex taċċetta r-ritratti, wara li se mai tisma' l-provi, presumibbilment wara li jixhed P.S.1032, John Debattista;

Skond l-appellant l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi. Dana għaliex hawn mhux si tratta biss ta' rilevanza, imma ta' ammissibbilità. Huwa jirribadixxi illi t-talba tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali biex jixhed P.S.1032, John Debattista, ħalli jiġi kkonstatat minn vera ħa r-ritratti, kienet tagħmel sens u kellha tiġi akkolta. Jekk kien jiġi ppruvat dak li kienet qed tallega d-difiża, ir-ritratti ma kinux jiġu ammissibbli skond il-liġi. It-talba tad-difiża però ġiet kompletament injorata mill-Ewwel Onorabbli Qorti;

Effettivament jekk wieħed jipprova jifhem l-eċċezzjoni ta' l-appellant, jidher li huwa qed isostni li l-fotografiji in kwistjoni ma ġewx fil-fatt meħuda minn P.C. Alfio Borg, iżda minn P.S. 1032 John Debattista. Għalhekk a bażi ta' dan qed jitlob li dan jiġi stabbilit a priori, qabel is-smigħ tal-ġuri biex a bażi tiegħu tiġi deċiża mbagħad il-kwistjoni dwar jekk ir-ritratti relattivi għandhomx ikunu ammissibbli skond il-liġi jew le. Però kif sewwa rrilevat l-Ewwel Onorabbli Qorti, din hija kwistjoni purament ta' fatt u jekk l-imsemmija ritratti ittiħdux minn P.C.

Borg, jew minn P.S. Debattista, irid u għandu jitħalla biex jiġi deċiż mill-ġurati, wara li jivvalutaw il-provi relattivi li jiġu ppreżentati quddiemhom, kompriża okkorendo x-xhieda ta' P.S. Debattista li wara kollox huwa wieħed mix-xhieda indikati mill-akkużat. F'dan il-Qorti ma tara assolutament xejn stramb, jew irregolari, u għalhekk din l-eċċezzjoni ser tiġi respinta;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell ta' l-akkużat kif ġej u ċjoè billi tiċħad l-istess in kwantu ntalbet ir-revoka tas-sentenza appellata fejn ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tiegħu u ċjoè dik riferibbli għat-talba biex jiġu sfilzati r-ritratti kollha ppreżentati mad-dokument AAM u t-tieni rapport ta' Dr. Abela Medici, u oħrajn, iżda tilqa' l-appell in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' l-akkużat billi tirrevoka s-sentenza appellata fejn ċaħdet din l-ewwel eċċezzjoni rigwardanti d-dokument AAM a fol. 67 tar-rapport ippreżentat u maħluf fis-7 ta' April, 1989 u r-rapport a fol. 242 tal-proċess ippreżentat u maħluf fl-20 ta' Novembru, 1989 u konsegwentement tilqa' l-istess eċċezzjoni billi tordna l-isfilz ta' l-istess dokumenti msemmija. Il-kumplament tas-sentenza appellata jibqa' kollu kkonfermat.